

32001D0423

7.6.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 151/41

**ID-DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI****tat-22 ta' Mejju 2001**

**dwar l-arranġamenti għall-pubblikkazzjoni jew tixrid ta' fatti statistiċi miġbura skond id-Direttiva tal-Kunsill 95/64/KE dwar prospetti statistiċi inkonnessjoni mat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar**

(innotifikata taħt id-dokument numru C(2001) 1456)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2001/423/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

**L-Artikolu 2  
Perjodiċità**

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 95/64/KE tat-8 ta' Diċembru 1995 dwar il-prospetti statistiċi inkonnessjoni mat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar <sup>(1)</sup>, kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/363/KE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikoli 9 u 12 tagħha,

Il-perjodiċità tal-pubblikkazzjoni jew tixrid għandu jkun jista' jit-qabbel ma' dik tar-riżultati mibgħuta. Fatti magħrufa ta' kull tliet xhur għandhom jixxerdu jew jiġi ppubblikati fi żmien ħames xhur minn meta l-fatti magħrufa jaslu mingħand l-Istati Membri. Fatti magħrufa ta' kull sena għandhom jixxerdu jew jiġi ppubblikati fi żmien tmien xhur minn meta l-fatti magħrufa jaslu mingħand l-Istati Membri.

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva 95/64/KE, il-Kummissjoni għandha xixerred fatti statistiċi xierqa b'perjodiċità li tista' titqabbel ma' dik tar-riżultati mibgħuta.
- (2) It-tixrid ta' fatti magħrufa (*data*) għandu jieħu inkonsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalitā statistika skond kif stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1588/90 <sup>(3)</sup> u bir-Regolament (KE) Nru 322/97 <sup>(4)</sup>.
- (3) Il-miżuri imsemmija f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kunitat tal-Programm Statistiku mwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 89/382/KEE, Euratom <sup>(5)</sup>.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

**L-Artikolu 3  
Kunfidenzjalitā**

It-tixrid jew il-pubblikkazzjoni ta' fatti statistiċi miġbura skond id-Direttiva 95/64/KE għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1588/90 u r-Regolament (KE) Nru 322/97.

**L-Artikolu 4**
**Livell tad-dettall tal-fatti magħrufa mxerrda**

Sakemm il-Kummissjoni tadotta xi deċiżjoni oħra skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 95/64/KE, l-oħra livell ta' dettall li bih il-fatti magħrufa jistgħu jiġi ppubblikati jew imxerda huwa l-livell tal-port għall- jew mill-wes- għa kostali marittima. Iżda l-Kummissjoni tista' tippubblika livell aktar magħqud jekk il-kwalità u/jew il-kompletezza ta' l-informazzjoni m'humiex xierqa f'dettall ta' din ix-xorta.

**L-Artikolu 5**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

**L-Artikolu 1**
**Mira**

L-għan tad-Deċiżjoni preżenti huwa li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-pubblikkazzjoni jew tixrid mill-Kummissjoni ta' fatti magħrufa miġbura skond id-Direttiva 95/64/KE fil-qafas tal-politika ġenerali tagħha għat-tixrid fil-qasam ta' l-istatistiki.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Mejju 2001.

*Għall-Kummissjoni  
Pedro SOLBES MIRA  
Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 320, tat-30.12.1995, p. 25.

<sup>(2)</sup> ĠU L 132, tal-5.6.2000, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 151, tal-15.6.1990, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 52, tat-22.2.1997, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 181, tat-8.6.1989, p. 47.